A.L. 548 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resources Management – M.Sc. (SERM) - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b) (v) tal-Istatut tal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resources Management – M.Sc. (SERM) - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istudji kif maħtur mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali wara konsultazzjoni mal-Università Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad doppju ta' Master of Science in Sustainable Environmental Resources Management – M.Sc. (SERM) - tal-Università u ta' Master of Science in Integrated Science and Technology tal-Università Msieħba;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resources Management – M.Sc. (SERM);

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Sustainable Environmental Resources Management;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

"l-Università Msieħba" tfisser il-James Madison University, Virginia, USA.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master Internazzjonali tal-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Università bil-kollaborazzjoni ta' Università Msieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad doppju. Il-Grad jingħata biss jekk iż-żewġ universitajiet jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Awwissu 2010 'l quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fix-Xjenza jew fl-Inġinerija jew f'xi qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis xieraq, sakemm li l-grad tal-ewwel ċiklu jkun miksub bi klassifikazzjoni tat-tieni klassi bl-unuri jew aħjar, jew klassifikazzjoni ekwivalenti.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 60 krettu jkunu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Għandu jiġi maħtur Bord tal-Eżaminaturi għal kull taqsima studju evalwata b'eżami bil-miktub jew orali skont il-provvedimenti tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università.

(3) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn għoxrin krettu għal-taqsimiet studju mgħallma għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsimiet studju li weħlu fihom, fis-sessjoni supplimentari tal-eżamijiet li jkun imiss (Mejju jew Settembru).

(4) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (3) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(2) It-titlu tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu approvati mill-Bord mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tat-tielet semestru.

8. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perjodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

9. (1) Għall-eżami tad-dissertazzjoni, il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jkun magħmul minn tliet eżaminaturi mill-Università u mill-Università Msieħba, u għandu normalment jinkludi lis-superviżur u l-ko-superviżur meta wieħed ikun maħtur.

(2) L-istudenti normalment ikunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u dan jista' jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord.

10. L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jew jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord tal-Eżaminaturi jerġgħu jiktbu d-dissertazzjoni kollha jew parti minnha u jerġgħu jissottomettuha għall-eżami. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu d-dissertazzjoni sa mhux aktar tard minn erba' xhur min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent

12. Iċ-ċertifikat mogħti mill-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-Università Msieħba tat separatament grad għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors.

It-Tħassir

13. Ir-Regolamenti tal-2008 tal-Kors għall-grad ta' International Master of Science in Sustainable Environmental Resources Management – M.Sc. (SERM), taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 113 tal-2008, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Awwissu 2010, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Awwissu 2010 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.